# KIF JIPPREŻENTA T-TRINITÀ QADDISA GIUSEPPE CALÌ FIL-KWADRI TIEGĦU

KITBA TA'
MARIO FENECH

Mhux ħaġa faċli li tkun artist imfittex minn bosta biex tagħmel numru kbir ta' kwadri, soqfa u ħitan ta' Knejjes u Palazzi u dejjem toħroġ bi ħsibijiet ġodda u tesprimi dak li tkun tixtieq b'mod differenti. Din il-ħaġa jidher li ma kinitx problema għall-Artist



Giuseppe Calì għaliex il-kwadri tiegħu huma versatili, mimlija moviment u kuluri vivaċi li jagħtu sens ta' ħajja fix-xena li jkun qiegħed jippreżenta.

Biex nagħti eżempju għażilt il-kwadru li Calì għamel għall-Bażilika ta' San Ġorg Martri tal-Belt Victoria Għawdex. Meta ġie kkommissjonat biex jagħmel dan il-kwadru, is-suġġett kellu jkun dak ta' San Ġużepp. Dan is-suġġet, jew aħjar Qaddis kien xi ħaġa li lil Calì kienet tqanqallu mmaġinazzjoni liema bħalha. Dan narawh fil-kwadri li għandu f'għadd kbir ta' Knejjes f'Malta u Għawdex li fihom jidher San Ġużepp.

Biex ma jkunx ripetittiv, hawnhekk l-Artist għażel li jpinġi lil San Ġużepp u lil Madonna bil-wieqfa fiċ-ċentru tal-Kwadru. Fil-parti ta' fuq tat-tila ppreżenta lill-Missier Etern mdawwar bil-Puttini, u b'dija li tagħti ħajja lill-Kwadru. Ftit 'l isfel naraw ix-xbiha ta' l-Ispirtu s-Santu, filwaqt li f'idejn San Ġużepp, l-Bambin Ġesù b'idejh miftuħin, qiegħed jistieden lilna kollha biex nersqu lejH.

Mela f'dan il-Kwadru għandna lill-Familja Mqaddsa flimkien mat-Trinità Qaddisa. Daqsxejn ta' Misteru biex tispjegah. Il-Missier Etern għażel lil Marija biex tkun Omm Ibnu, lil San Ġużepp biex ikun il-Missier Putattiv ta' Ġesù, u lill-Ispirtu s-Santu biex ikun Hu li jillumina lill-Ministri tal-Knisja Kattolika, meta dawn jiġu biex jipprattikaw is-Sagramenti Mqaddsa.



Dan mhux l-uniku kwadru li Calì ppreżenta lit-Trinità Qaddisa fih. Fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi, fl-apside tal-Kor, huwa pinġa lill-Qaddis fil-Glorja mdawwar bl-Anġli. Fil-parti ta' fuq ta' din ix-xena fiċ-Ċentru naraw lill-Missier Etern b'idejh miftuħin qiegħed ibierek lil Ġesù u lil Marija, bilqiegħda fuq ix-xellug u l-lemin tiegħu. Fin-nofs huwa pinġa lill-Ispirtu s-Santu fil-forma ta' Ħamiema bajda mdawra b'dija li tinfirex fil-parti ċentrali tas-suġġett ppreżentat fil-kwadru. Hemm xebh f'dawn il-Kwadri fil-mod li l-artist ppreżenta lit-Trinità Qaddisa, iżda dan ma jfissirx li l-artist kien nieqes mill-ideat. Dan għaliex il-Kwadri jippreżentaw żewġ suġġetti totalment differenti.

Il-Kumbinazzjoni hija li dawn iż-żewġ xogħlijiet ta' Calì jinsabu t-tnejn f'Tempji Ġorġjani.

Hemm kwadri oħrajn li fihom Calì pinġa lit-Trinità Qaddisa, f'kull okkażjoni li fiha pinġa dan il-Misteru huwa wera l-ħila artistika tiegħu, biex joħroġ l-Qdusija, il-Kobor, is-Serenità u l-Awtorità tat-Trinità Qaddisa.

Minn Qalbi Nawgura l-Festa t-Tajba lill-Marsin Kollha.